Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,961, 18 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 291 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 350 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Built Environment tal-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) grad tal-ewwel ċiklu kklassifikat tal-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II miksub minn din l-Università jew minn xi istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxut mis-Senat għal dan il-għan fl-architevture, urban design, civil engineering, structural engineering, geotechnical engineering, conservation, cultural heritage management, built heritage, construction, property management, built environment, environmental design, spatial planning u infrastructure jew fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus rilevanti mill-Bord; jew

(ċ) kwalifika meqjusa mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija fis-sottoparagrafu (a) jew (b).

(2) L-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III fi kwalunkwe qasam ta' studju kif indikat fis-sottopargrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors, sakemm li l-ewwel jidħlu fi Programm Preparatorju u jistgħu jkunu eliġibbli biex jidħlu fil-kors tal-Master's meta jtemmu l-Programm Preparatorju b'suċċess, jekk jiksbu marka medja b'tal-anqas 55%.

(3) L-applikanti jistgħu jkunu mitluba juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta permezz ta' intervista estiża u s-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni xierqa, sakemm li meta xi nuqqasijiet jiġu identifikati, l-applikanti jkunu meħtieġa li jsegwu taqsimiet studju speċifiċi li jkunu intenzjonati sabiex jikkumpensaw għan-nuqqasijiet.

(4) L-applikanti li l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom kien miksub aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors, sakemm li jipprovdu prova suffiċjenti tal-kapaċità tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jesiġi lil dawn l-applikanti li jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5."